303 — 1953



FESTI KBAR ĊINKWANTENARJI

FIL-BELT PINTO

F'ĠIEH

# SAN ĠORĠ

MEGALOMARTRI

MIT-3 SA L-10 TA' MEJJU 1953.

# PROGRAMM

## FESTI TA' ĠEWWA

**Il-Ħadd, 3 ta' Mejju.** — Wara l-Quddiesa kantata ħruġ tal-vara tal-Patrun tal-Belt Pinto, San Ġorġ M. Fl-4.30 p.m. Traslazzjoni solenni bir-Relikwja tal-Megalomartri, mill-E.T. Mons. Emmanuele Galea, Isqof ta' Tralles u Vigarju Ġenerali, mill-Knisja tal-Vitorja għall-Parroċċa Arċipretali. Diskors taċ-ċirkustanza. Għasar solenni mill-W.R. Prokuratur, Dun Ġużepp Borg Bonavia.

**It-Tnejn, 4 ta' Mejju.** — Jum għat-tfal tal-Parroċċa. Fis-6 a.m. Quddiesa bit-Tqarbina ġenerali mill-Kanonku Dun Ġorġ Bonello. Fit-8 a.m. Quddiesa solenni bir-Rit Grieg, mill-W.R. Papas Ġorġ Schirò, S.Th.D. Fis-6 p.m. konferenza mis-Surmast Vincent Ungaro, F.R.G.S.; Għasar mill-W.R. Prokuratur, Dun L. Saliba.

**It-Tlieta, 5 ta' Mejju.** — Jum għall-Għaqdiet tal-Parroċċa. Fit-8 a.m. Quddiesa solenni mill-W.R. Dun Alwiġ Psaila, Kappillan ta' S. Bastjan bil-Kleru tiegħu. Fis-5.45 p.m. il-Kleru ta' S. Bastjan jitlaq għall-Parroċċa Arċipretali mill-Knisja ta' San Franġisk. Konferenza mill-Avukat Vincent Depasquale, B.A., LL.D.; wara Għasar mill-Kleru ta' S. Bastjan, Kurunella u Barka Sagramentali.

**L-Erbgħa, 6 ta' Mejju.** — Fis-6 a.m. Quddiesa bit-Tqarbina ġenerali mir-Rev. Dun Karm Scicluna. Fis-7.30 a.m. Quddiesa solenni mill-W.R. Dun Nerik Cordina Perez, Kappillan tal-Ħamrun u l-Kleru tiegħu. Fis-5.45 p.m. il-Kleru tal-Ħamrun jitlaq mill-Knisja ta' S. Franġisk għall-Arċipretali, u wara jagħmel Għasar solenni; prietka mill-W.R. Majj. Patri Gerardo M. Paris, O.P., Kurunella, responsorji bil-mużika u Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, 7 ta' Mejju.** — Fis-6 a.m. Quddiesa bit-Tqarbina ġenerali mir-Rev. Dun Ġużepp Zammit. Fis-7.30 a.m. Quddiesa solenni mill-W.R. Dun Gerard Frendo, Kappillan tal-Gudja u l-Kleru ta' l-Arċimatriċi tal-Belt Pinto. Fis-5.45 p.m. il-W.R. Arċipriet tal-Parroċċa u l-Kleru tiegħu jitilqu għall-Arċimatriċi mill-Knisja ta' S. Franġisk; wara Għasar solenni; prietka mill-W.R. Patri Feliċjan mill-Furjana, O.F.M.Cap., Kappillan tal-Marsa. Kurunella, Responsorji bil-mużika u Barka Sagramentali.

**Il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju.** — Fis-6 a.m. Quddiesa bit-Tqarbina ġenerali mir-Rev. Dun Giuseppe Pace, B.A., Lic.D. Fis-7 30 a.m. Quddiesa solenni mill-W.R. Pirjol u l-Komunità Dumnikana tal-Belt Valletta. Fis-5.45 p.m. l-istess Komunità Dumnikana timxi mill-Knisja ta' S. Franġisk għall-Parroċċa Arċipretali fejn jagħmlu Għasar solenni; prietka mill-W.R.mu Mons. R. Capurro, Kanonku Kapitulari, Kurunella, Responsorji bil-mużika u Barka Sagramentali.

**Is-Sibt, 9 ta' Mejju.** — Fis-6 a.m. Quddiesa bit-Tqarbina ġenerali mir-Rev. Dun Viċenz Borg. Fis-7.30 a.m. Quddiesa solenni bit-'Te Deum' mir-Rev.mu Kapitlu ta' S. Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. Fis-6 p.m. l-E.T. Mons. Isqof Emm. Galea flimkien ma' l-imsemmi Kapitlu jimxi mill-Knisja ta' S. Franġisk għall-Parroċċa Arċipretali; wara l-E.T. u r-Rev.mu Kapitlu jagħmlu Għasar solenni; kant ta' Kompieta, Regina Coeli, Litanija u Barka Sagramentali.

**Il-Ħadd, 10 ta' Mejju.** — Jum il-festa. Fil-5.30 a.m. Matutin solenni. Fis-7 a.m. Quddiesa bit-Tqarbina ġenerali mill-W. R.mu Mons. Carmelo Sammut D.D., Kanonku Kapitulari. Fit-8.30 a.m. l-E.T. Mons. Arċisqof Metropolita Sir Michele Gonzi jasal id-dar ta' l-Arċipriet. Fid-9.15 a.m. kant ta' Terza, Quddiesa Pontifikali mill-E.T. Mons. Isqof Em. Galea, assistit mill-Kanonċi ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt, waqt li l-E.T. Mons. Arċisqof Metropolita Sir Michele Gonzi, megħjun mill-Kanonċi tal-Kattidral, jagħmel Praesbyter Assistens minn fuq it-Tron. Wara l-Vanġelu l-W.R. Patri Bonaventura Fiorini, O.F.M.Conv., jinseġ tifħir lill-Patrun tal-Belt Pinto, San Ġorġ M. — Fl-4 p.m. Sekondi Vespri, Kompieta u proċessjoni bl-istatwa tal-Prinċep tal-Martri S. Ġorġ. Wara l-purċissjoni l-festi Ċinkwantenarji jagħalqu bl-Antifona, Tantum Ergo u Barka Sagramentali.

Il-mużika tkun diretta mill-Maestro di Cappella G. Camilleri.

Il-Quddiesa ta' nhar il-festa tiġi mxandra fuq ir-Rediffusion.

L-ARĊIPRIET.

Approvat mill-Kurja, is-16 ta' April 1953.

---

## FESTI TA' BARRA

**Fit-3 ta' Mejju:** Fit-8.30 a.m. il-Banda tal-"Cospicua Boy Scouts" tagħmel sfilata mat-toroq prinċipali. Fis-6.30 p.m. il-Banda ċittadina "San Ġorġ M.", tiftaħ il-Festi Ċinkwantenarji billi ddoqq l-Innu Popolari lill-Patrun tal-Belt Pinto, quddiem il-Knisja Arċipretali, u wara żżanżan marċijiet brijużi sal-Pjazza S. Franġisk, fejn iddoqq programm mużikali fuq planċier ġdid. F'nofs il-programm jindaqq l-Innu lil San Ġorġ M., tas-Surmast Vinc. Carabott, kantat mit-tfal ta' l-Azzjoni Kattolika u kantanti oħrajn; wara jiġu preżentati xi rigali lill-Banda. — Fl-10.30 p.m. isir logħob tan-nar.

**Fl-4 ta' Mejju:** Fit-8 p.m. il-Banda "Nicolò Isouard" tal-Mosta, tagħmel marċ u wara ddoqq programm mużikali fuq il-palk prinċipali. — Fl-10.30 p.m. logħob tan-nar.

**Fil-5 ta' Mejju:** Fit-8 p.m. il-Banda "St. Andrew" ta' Ħal Luqa, tagħmel marċ u wara programm mużikali fil-Pjazza San Franġisk. — Fl-10.30 p.m. logħob tan-nar.

**Fis-6 ta' Mejju:** Fit-8 p.m. il-Banda "St. Michael" ta' Ħaż-Żabbar, tagħmel marċ u wara programm fuq il-palk prinċipali. — Fl-10.30 p.m. logħob tan-nar.

**Fis-7 ta' Mejju:** Fit-8 p.m. il-Banda "St. Nicholas" tas-Siġġiewi, tagħmel marċ u wara programm mużikali fil-Pjazza Vittorja. — Fl-10.30 p.m. logħob tan-nar.

**Fit-8 ta' Mejju:** Fis-6.30 p.m. il-Banda "La Stella" tal-Gudja, tagħmel marċ u programm mużikali fit-Triq Barrakki. Fit-8 p.m. il-popolari Banda "San Ġorġ M." iddoqq marċijiet brjużi mal-pajjiż. — Fl-10 p.m. jiġu mtella' murtali tal-kulur, magħdumin minn dilettant Qormi. Fl-10.30 p.m., fi Pjazza Federik Maempel isir logħob tan-nar varjat minn G. Cilia; wara tiġi mtella' kaxxa infernali tal-kulur, xogħol ta' l-istess dilettant Qormi.

**Fid-9 ta' Mejju:** Wara t-Te Deum, il-Banda ta' l-Approved School tagħmel marċ mat-triqat prinċipali. Fis-6 p.m. marċijiet u programmi mużikali mill-Baned hawn imsemmija:—

"St. Joseph", tal-Ħamrun, fuq il-palk prinċipali.

"Queen's Own" ta' l-Isla, fil-Pjazza S. Franġisk.

Fit-8 p.m. il-Banda Ċittadina "San Ġorġ M." fost briju kbir iddoqq marċijiet ġodda mat-Triq Irjali.

Fl-10 p.m. jiġu mtella' murtali tal-kulur u kaxxa infernali. Fl-10.30 p.m. fil-Pjazza tal-Wied isir logħob tan-nar; wara tiġi mtella' kaxxa infernali tal-kulur, kollox xogħol tad-dilettanti Qormin.

**Fl-10 ta' Mejju:** Fit-8.30 a.m. il-Banda Ċittadina tal-Belt Pinto tagħmel marċ brijuż mat-toroq prinċipali tal-Belt Pinto. Fl-4 p.m. marċijiet u programmi mużikali mill-Baned hawn imsemmija:

"Duke of Edinburgh" tal-Birgu, fuq il-palk prinċipali.

"San Ġorġ" ta' Bormla, fil-Pjazza San Franġisk.

"Lourdes" tal-Qrendi, ħdejn l-Istatwa tal-Prinċipessa.

"Peace" tan-Naxxar, fi Triq Aniċi.

"Rohan" ta' Ħaż-Żebbuġ, fi Pjazza Vittorja.

"St. Joseph" ta' l-Istitut, ħdejn il-Madonna tar-Rużarju.

Waqt il-proċessjoni jiġu mtella' rockets magħdumin mid-dilettanti Qormin.

IL-KUMITAT FESTI ESTERNI.